MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tad-19 ta' Frar, 2015

Citazzjoni Numru. 145/2014

**A B bhala kuratrici ad litem ta' binha F**

**vs**

**C B**
**D E**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ipprezentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi fl-24 ta' Gunju tas-sena 2011, l-attrici welldet tifel minuri bl-isem ta' F u dan kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid li jgib in-numru ta iskrizzjoni 2224/2011 hawn anness bhala Dok A;

2. Illi mill-att tat-twelid tal-minuri jirrizulta illi l-attrici A B hija omm dan il-minuri u fil-kolonna intestata 'isem u kunjom' il-konvenut C B gie registrat bhala missier il-minuri;
3. Illi l-attrici A B u l-konvenut C B izzewgu f'Malta fit-3 ta' Mejju tas-sena 1996 fil-Knisja Paroccjali, Birzebbugia;
4. Illi ghalkemm fil-mument tat-twelid u tal-koncepiment tal-minuri, l-attrici A B u l-konvenut C B kienu mizzewgin, pero' l-istess attrici sa mis-sena 2007 ma kienitx tghix ma zewgha l-konvenut ghar-ragunijiet personali;
5. Illi sa mis-sena 2007 l-attrici kellha relazzjonijiet intimi mal-konvenut l-iehor D E u mieghu biss;
6. Illi fil-perjodu relevanti meta gie konceput il-minuri F kien hemm l-impossibilita' fizika li l-minuri setgha gie konceput mill-konvenut B peress illi l-konvenut B qatt ma kkoabita ma martu A B bejn it-tlett mitt jum u l-mija u tmenin jum qabel it-twelid tal-minuri u dan peress illi fl-imsemmi zmien l-attrici u l-konvenut B qatt ma kkoabitaw flimkien;
7. Illi l-attrici A B kellha relazzjonijiet biss mal-konvenut D E u hadd izjed;
8. Illi ghalkemm fic-certifikat tat-twelid tal-minuri F gie dikjarat illi missier il-minuri huwa l-konvenut C B, fil-fatt il-minuri gie konceput fil-kors ta' relazzjoni extra-maritali li l-attrici kellha mal-konvenut E;

Talbet ghar-ragunijiet premessi li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex previa kull dikjarazzjoni necessarja u moghtija il-provvedimenti opportuni :

1. Tiddikjara illi l-konvenut D E huwa l-missier naturali ta' F u mhux il-konvenut l-iehor C B;
2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel il-korrezzjonijiet opportuni fic-certifikat tat-twelid tal-minuri Franceso (Att numru 2224/2011) billi fil-kolonna intestata 'isem u kunjom missier it-tarbija', jigi kancellat l-isem <u>C B</u>, u jigi sostitwit bl-<u>isem D E</u>, u tordna wkoll illi l-partikolaritajiet relattivi ghad-dokument ta' l-identita', ghall-eta; ghal fejn twieldu u ta' residenza, u ghall-isem u kunjom il-missier jekk hux haj jew mejjet, in kwantu jirreferu ghal missier il-minuri, jigu korretti konsegwentement billi jigu sostitwiti b'dawk il-partikolaritajiet u cioe' taht il-kolonna 'id-dokument ta' l-identita jigi jaqra <u>239272(M)</u>; taht il-kolonna 'eta' jigi jaqra <u>39</u>, that il-kolonna

‘twieldu’ jigi jaqra Sliema; taht il-kolonna ‘residenza’ jigi jaqra Valletta, Malta; u taht il-kolonna ‘isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet’ jigi jaqra P E (mejjet).

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li jibqghu ingunti minn issa ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta’ Ottubru 2014, mnejn jirrizulta illi l-konvenut C B ddikjara li ma kienx ser jikkontesta t-talbiet attrici izda ssottometta li m’ghandux ibaghti l-ispejjez ghal din il-kawza;

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti li gew esebiti u l-atti kollha ta’ dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum ;

Ikkunsidrat :

Illi l- qorti ghandha quddiemha talba relatata mal-paternita’ tal-minuri F *stante* li l-attrici tikkontendi li minkejja li l-minuri li twieled nhar fl-24 ta’ Gunju 2011[1] fiz-zwieg taghha u tal-intimat C B u konsegwentement, minhabba l-presunzjonijiet legali naxxenti mill-ligi, l-istess minuri gie mnizzel bhala l-wild naturali tal-istess intimat C B, l-istess minuri m’huwiex ibnu naturali izda l-wild naturali tal-intimat l-iehor D E. Ghalhekk permezz ta’ din il-kawza, l-attrici qieghda titlob lil-qorti sabiex tiddikjara li l-minuri F m’huwiex il-wild naturali tal-intimat C B izda l-wild naturali ta’ D E.

[1] Ara c-certifikat tat-twelid esebit a fol 4 tal-process

Min-naha tieghu, l-intimat C B jiddikjara permezz tal-konsulent legali tieghu waqt is-seduta tat-22 ta’ Ottubru 2014[2] li huwa minnu li l-minuri mhux il-wild naturali tieghu b’dan pero’ li jissottometti li m’ghandux jehel l-ispejjez ta’ din il-kawza. L-intimat l-iehor jipprezenta affidavit[3] li permezz tieghu jikkonferma li l-minuri F huwa ibnu naturali.

**Il-Mertu tal-Kaz**

Ir-rikorrenti tiddikjara li minkejja li l-minuri F twieled fiz-zwieg bejnha u bejn l-intimat C B, l-istess minuri mhux il-wild naturali ta’ zewgha izda tal-intimat l-iehor D E, *stante* li minn April 2007 ma baqghetx tghix fid-dar matrimonjali u l-unika kuntatt li kellha ma’ zewgha kien il-qorti waqt il-proceduri ta’ separazzjoni. Tghid ukoll li minn xahar qabel ma telqet mid-dar, hi u zewgha ma kellhomx kuntatt fiziku bejniethom u li l-unika relazzjonijiet intimi li kellha kienu mal-intimat D E.

Il-qorti f’dan l-istadju taghmel referenza ghall-fatt li f’din il-kawza, d-Direttur tar-Registru Pubbliku ma giex kjamat fil-kawza jew kien parti mill-istess kif normalment isir. Pero’ l-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Dolores Bartolo vs Simon Bartolo** deciza nhar it-22 ta’ Frar 2012 fejn din il-qorti hekk kif diversament preseduta accettat u laqghat it-talbiet attrici ghal bdil fic-certifikat tat-twelid minghajr ma gie kjamat in kawza jew imsejjah id-Direttur tar-Registru Pubbliku. L-istess haga jista’ jinghad ghall-kawza fl-ismijiet **Adelaide Attard vs Joseph Attard** deciza nhar it-8 ta’ Mejju 2012 fejn ghal darb’ohra, f’kawza ta’ paternita’, id-Direttur tar-Registru Pubbliku ma giex kjamat fil-kawza u ma giex imharrek sabiex jirrispondi ghall-istess. Il-qorti tirrileva li huwa minnu li hija prassi li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi mharrek f’kawzi ta’ paternita’ pero’ mill-qari tal-ligi jidher li dan mhux necessarju. Ghalhekk, il-kawza odjerna tista’ tibqa’ ghaddejja b’dan illi meta jkun hemm sentenza li tkun ghaddiet *in judicat* issir l-annotazzjoni necessarja sabiex ikun hemm bdil fic-certifikat relattiv b’mod formali.

[2] Ara a fol 13 tal-process
[3] Ara a fol 19 tal-process

Il-Qorti tirrileva wkoll li mill-provi jirrizulta li l-attrici, l-minuri u l-intimat D P E ssottomettew ruhhom ghat-testijiet genetici, liema testijiet huma meqjusa li huma l-prova regina fi kwistjonijiet ta' paternita'. L-istess test xjentifiku[4] ma jhalli ebda ombra ta' dubju dwar il-fatt li D E huwa fil-fatt il-missier naturali tal-minuri u mhux C B.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

(1) Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-intimat D E huwa l-missier naturali tal-minuri F u mhux l-intimat C B;
(2) Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel il-korrezzjonijiet opportuni fic-certifikat tat-twelid tal-minuri F (Att numru 2224/2011) billi fil-kolonna intestata 'isem u kunjom missier it-tarbija', jigi kancellat l-isem ta' C B u jigi sostitwit bl-isem ta' D E, bil-karta tal-identita' numru 239272M, b'dan li l-eta' għandha tiġi taqra 39, mwieled Sliema, ir-residenza indikata għandha tkun Valletta u 'isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet' tigi taqra P E (mejjet).

Bl-ispejjez jinqasmu b'mod ugwali bejn l-attrici u l-intimat D E.

## < Sentenza Finali >

[4] Ara a fol 16 tal-process

---------------------------------TMIEM---------------------------------